MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Diċembru, 2012

Rikors Numru. 1111/2012

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1655/12 fl-ismijiet:

Edward **VELLA**

vs

Charles **DEGUARA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Charles Deguara fis-6 ta' Novembru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm

imfissra, talab li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b),(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) torbot lill-intimat eżekutant Vella biex iressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutat ġarrab bil-ħruġ tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Novembru, 2012, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutant Vella fil-15 ta' Novembru, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija qal li l-ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrent ma jmissha tintlaqa';

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, ir-rikorrent eżekutat qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat eżekutanti biex, f'każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, l-istess eżekutant ikun marbut li jagħti garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li jonqos li jagħmel dan fiż-żmien mogħti lilu, tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fl-1 ta' Novembru, 2012, l-eżekutant Vella talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutat Deguara għas-somma ta' tmienja u ħamsin elf tmien mija u sittax-il euro u tnax-il ċenteżmu (€ 58,816.12) b'ħarsien ta' pretensjonijiet dwar nuqqas ta' ħlas ta' import ta' seba' (7) *cheques* li baqgħu ma ġewx onorati, flimkien mal-imgħax legali fuq kull wieħed minnhom b'seħħ minn dak inhar li kellhom jitħallsu. Dak inhar, huwa fetaħ kawża bil-

proċedura sommarja speċjali kontra l-eżekutat għall-kundanna tal-ħlas tal-imsemmija *cheques* u mgħax[1]. Il-Mandat inħareġ lil seba' (7) sekwestratarji, fil-biċċa l-kbira minnhom banek lokali, li lkoll laqgħu n-notifika l-għada. L-eżekutat laqa' n-notifika tal-Mandat fil-5 ta' Novembru;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Fil-fatt, għandu jingħad li din il-Qorti diġa' qieset il-mertu tal-kwestjoni minħabba li l-kawża li l-eżekutant fetaħ kontra l-eżekutat u martu inqatgħet minnha qabel id-data tal-lum;

Illi r-rikorrent eżekutat jibni t-talbiet tiegħu fuq tliet (3) kawżali:

A) Li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti [Art. 836(1)(b)]. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu. Fi kliem dik id-dispożizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ[2];

Illi r-raġunijiet li l-eżekutat isemmi biex isaħħaħ it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontrih huma (a) li

[1] Rik. Nru. 1097/12JRM (maqtugħa b'sentenza tat-12.12.2012)
[2] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet *Avukat Tonio Fenech noe vs Avukat Patrick Spiteri pro et noe*

hu ma kien qatt awtorizza lil ħuh Anthony Deguara biex jiġġira ċ-*cheques* favur terzi u għalhekk l-eżekutant ma kellu l-ebda jedd jippretendi l-ħlas tagħhom mingħandu u (b) li hu ma kellu l-ebda rabta ġuridika mal-eżekutant. Il-Qorti tqis li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ raġunijiet ma taqa' taħt xi waħda mill-erba' ċirkostanzi li ssemmew qabel. Huma żewġ raġunijiet li jorbtu mal-mertu tal-kwestjoni u mhux mal-forma u s-siwi tal-Mandat minnu attakkat;

Illi għalhekk it-talba tal-eżekutat ma tistax tintlaqa' taħt din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Bħalma ngħad, l-eżekutat isejjes it-talba tiegħu fuq l-istess raġunijiet għat-tliet kawżali identifikati. Huwa għalhekk jgħid li, ladarba ma kien hemm l-ebda rabta ġuridika bejnu u l-eżekutant, il-ħruġ tal-Mandat ma kienx mistħoqq jew saħansitra eċċessiv;

Illi l-eżekutant jisħaq li l-ammont imsemmi fil-Mandat jaqbel eżatt mal-import taċ-*cheques* maħruġa mill-eżekutat u ġirati favurih u ma kien bl-ebda mod eċċessiv;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandux bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[3];

[3] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[4];

Illi meta l-Qorti tqis dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tqabbilhom maċ-ċirkostanzi, fatti u ċifri li jissemmew fil-Mandat impunjat, issib li ma jidher xejn li jwassal biex il-Mandat jitqies mhux ġustifikat jew eċċessiv;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutat taha raġunijiet tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Kif ingħad, din il-kawżali, bħall-oħrajn ta' qabilha, tinbena fuq l-istess żewġ argumenti. F'dan ir-rigward, minħabba li l-Qorti diġa' qieset u tat il-fehma tagħha fis-sentenza fil-mertu tal-kwestjoni bejn il-partijiet, anqas u anqas joħroġ li hemm xi raġuni għaliex il-Mandat m'għandux jibqa' fis-seħħ;

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[5]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

---

[4] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

[5] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent eżekutat seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju alternativ għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Kemm hu hekk, hu talab it-tqegħid min-naħa tal-intimat eżekutant ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrent eżekutat jista' juri li sejjer iġarrab minħabba l-Mandat[6]. Huwa minnu li huwa talab li l-Qorti "timponi dik il-multa relativa" (li jagħti 'l wieħed x'jaħseb li kien qiegħed jirreferi għall-imposizzjoni tal-penali maħsuba taħt l-artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), iżda fir-rikors tiegħu jsemmi l-artikolu 838A u huwa fuq dak li din il-Qorti trid tistħarreġ it-talba tiegħu;

Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutant</u>, l-eżekutat ma jagħti l-ebda raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu. Jidher li joqgħod fuq l-istess żewġ argumenti li fuqhom bena t-talbiet tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[7]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;

Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[8]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

---

[6] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[7] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[8] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[9], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[10] minħabba l-istess Mandat;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutant Vella biex iressaq il-garanzija mitluba mir-rikorrent eżekutat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat Deguara billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż kontra l-istess rikorrent.**

Mogħti kameralment illum, 21 ta' Diċembru, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[10] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***